

Brussell, 25 ta' Lulju 2017
(OR. en)

11443/17

PUBLIC 52
INF 132

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - APRIL 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'April 2017.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-risultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Dan bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'APRIL 2017

It-3529 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret il-Lussemburgu fit-3 ta' April 2017

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva (UE) 2017/828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti (Test b'relevanza taż-ŻEE) ĠU L 132, 20.5.2017, p. 1-25	2/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, Ġermaniża, Daniża u dik Lussemburgiża

Id-delegazzjoni Pollakka, Ġermaniża, Daniża u dik Lussemburgiża jieħdu nota tal-konklużjoni tal-qbil fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar *Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti* u jfaħħru lill-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill għall-isforzi tagħhom bl-għan li jintlaħaq kompromess bilanċjat dwar il-proposta.

F'konformità mal-pożizzjonijiet ippreżentati matul il-ħidma fuq il-proposta, id-delegazzjoni Pollakka, Ġermaniża, Daniża u dik Lussemburgiża jinterpretaw id-dispożizzjoni tal-Artikolu 3f, paragrafu 1 punt a) tal-*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti* dwar il-kontenut tal-politika ta' involviment tal-azzjonisti bħala li tippermetti lil investituri istituzzjonali u maniġers tal-assi jifformulaw il-politika ta' involviment b'mod li jkun jistgħu jagħżlu l-kwistjonijiet li dwarhom huma jissorveljaw lill-kumpaniji li fihom isir investiment u li ma jkunux obbligati jindirizzaw fil-politika ta' involviment speċifikament kull kwistjoni msemmija fl-Artikolu 3f paragrafu 1 punt a) tal-proposta.

Fl-opinjoni tad-delegazzjonijiet tagħna, it-test maqbul tat-tielet sentenza tal-premessa 11 tal-proposta msemmija hawn fuq, li jgħid: "*Jenħtieġ li l-politika dwar l-involviment tal-azzjonisti tiddekrivi kif l-investituri istituzzjonali u l-maniġers tal-assi jintegraw l-involviment tal-azzjonisti fl-istrateġija ta' investiment tagħhom, liema attivitajiet ta' involviment differenti jagħżlu li jwettqu u kif jagħmlu dan.*", jikkonferma l-korrettezza ta' din l-interpretazzjoni.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Lussemburġiża

Il-Lussemburgu jappoġġa totalment l-oġġettiv tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul mill-azzjonisti li ttejjeb it-trasparenza tal-investituri istituzzjonali u l-manigġers tal-assi. Fl-istess ħin, kif jingħad fil-premessi, id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-leġislazzjoni settorjali tal-UE li tirregola t-tipi speċifiċi ta' kumpaniji elenkati jew tipi speċifiċi ta' entitajiet, bħal istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji tal-investiment, manigġers tal-assi, kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni.

Għaldaqstant, hija l-fehma tal-Lussemburgu li fir-rigward tal-Artikoli 3g u 3h tad-Direttiva fejn l-assi ta' investitur istituzzjonali ma jiġux amministrati fuq bażi individwali iżda flimkien ma' assi ta' investituri oħra u jiġu amministrati permezz ta' impriża ta' investiment kollettiv, il-leġislazzjoni settorjali applikabbli għall-amministrazzjoni kollettiva tal-assi għandha tiegħu preċedenza fuq id-Direttiva sa fejn ir-rekwiżiti previsti mid-Direttiva jikkontradixxu r-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni settorjali tal-UE. Pereżempju, id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-diversifikazzjoni tal-portafoll ta' impriżi ta' investiment kollettiv u l-projbizzjoni li jiġu akkwistati ishma li jkollhom drittijiet tal-vot li permezz tagħhom manigġers tal-assi kollettivi jkunu jistgħu jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-manigġment ta' korp emittenti.

Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli
ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1–20

60/16

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jaqbel, fuq bażi eċċezzjonali, li jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-livelli limitu tal-Anness I kif stabbiliti fl-Artikolu 1(4) u (5), sabiex tkun żgurata l-adozzjoni f'waqtha tal-livelli limitu u biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. Tali ftehim huwa mingħajr preġudizzju għal proposti leġislattivi futuri fil-qasam tal-kummerċ, kif ukoll fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni fl-intier tiegħu.

Dikjarazzjoni Nru 1 mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ser tikkunsidra tagħmel xi proposti leġiżlattivi addizzjonali mmirati lejn kumpaniji tal-UE bi prodotti li fihom il-landa, it-tantalju, u t-tungstenu fil-katina tal-provvista tagħhom jekk tikkonkludi li l-isforzi globali tas-suq tal-UE fuq il-katina tal-provvista globali tal-minerali responsabbli hija insuffiċjenti biex tiffavorixxi mgħiba responsabbli tal-provvista fil-pajjiżi produttori, jew jekk hija tivvaluta li x-xiri sfurzat tal-operaturi 'l isfel fil-katina li jkollhom fis-seħħ sistemi ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-provvista f'konformità mal-Gwida tal-OECD mhuwiex biżżejjed.

Dikjarazzjoni Nru 2 mill-Kummissjoni

Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 1(5), il-Kummissjoni ser tiegħu kont debitu tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kif stabbilit fil-premessi (1), (7), (10) u (17).

B'dan il-mod, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, ser tikkunsidra r-riskji speċifiċi assoċjati mal-operat ta' katini tal-provvista tad-deheb 'il fuq fil-katina f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli, u b'kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tal-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar tal-Unjoni li jimportaw id-deheb fl-UE.

Dikjarazzjoni 3 mill-Kummissjoni

Bi twegħiba għat-talba tal-Parlament Ewropew għal linji gwida speċifiċi, il-Kummissjoni hija lesta tiżviluppa indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi għal provenjenza responsabbli ta' minerali ta' kunflitt. Permezz ta' dawn il-linji gwida, kumpaniji rilevanti b'aktar minn 500 impjegat li jintalbu jiżvelaw informazzjoni mhux finanzjarja f'konformità mad-Direttiva 2014/95/UE, jitħeġġu jiżvelaw informazzjoni speċifika fir-rigward ta' prodotti li fihom il-landa, it-tantalju, it-tungstenu jew deheb.

Dikjarazzjoni mill-Belġju

Waqt li jfakkar li l-metalli, kif definit f'dan ir-Regolament, jistgħu jiġu estratti minn materja prima oħra apparti minn metalli u minerali, kif speċifikat fl-Anness I, parti A, il-Belġju jqis li l-operaturi ekonomiċi involuti fl-estrazzjoni ta' metalli minn materja prima oħra u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta ta' dan ir-Regolament kif speċifikati fl-Artikolu 8 tar-Regolament, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala fundituri responsabbli jekk is-sistema ta' diliġenza dovuta li huma japplikaw tiġi rikonoxxuta mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 9, u li dawn għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal operaturi ekonomiċi oħra li jsegwu l-istess skop ekonomiku.

Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU C 109, 7.4.2017, p. 2–2	7001/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/674 tat-3 ta' April 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam għal dak li jirrigwarda l-emendi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ĠU L 97, 8.4.2017, p. 29–30	7243/17		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-indirizzar ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-UE: ittieħdu passi importanti iżda jeħtieġ li jsir aktar"	6904/17		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"	8029/17		
Deċiżjoni (UE) 2017/742 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017/000 TA 2017 — Għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) ĠU L 111, 28.4.2017, p. 8–9	6922/17		
Deċiżjoni (UE) 2017/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi assistenza lir-Renju Unit, lil Ċipru u lill-Portugall ĠU L 111, 28.4.2017, p. 6–7	7005/17		

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/657 tat-3 ta' April 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014 sa 2020 ĠU L 94, 7.4.2017, p. 1–2	12852/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/790 tal-25 ta' April 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 119, 9.5.2017, p. 16–21	6731/17
It-3530 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN), li saret il-Lussemburgu fit-3 ta' April 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal	7775/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja	7614/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/633 tat-3 ta' April 2017 b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu ĠU L 90, 4.4.2017, p. 12–21	7227/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/632 tat-3 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 90, 4.4.2017, p. 10–11	6966/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE għas-Sirja	7652/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen	7675/17

Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburg, mit-3 sas-6 ta' April 2017)

ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (Test b'relevanza taż-ŻEE.) ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1–175	14/17 (7972/17)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (Test b'relevanza taż-ŻEE.) ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176–332	15/17 (7974/17)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet għal informazzjoni u konsulenza fil-qasam tal-ittestjar ġenetiku fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar apparat mediku dijanjostiku in vitro Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament u fil-qafas tar-reviżjoni tat-tħaddim tal-Artikolu 4 previst fl-Artikolu 111 tar-Regolament, il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar l-esperjenza tal-Istati Membri bl-implimentazzjoni tal-obbligi fl-Artikolu 4 għal informazzjoni u konsulenza fil-kuntest tal-użu ta' testijiet ġenetiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar il-prattiki differenti fis-seħħ, fid-dawl tal-għan doppju segwit mir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-pazjent u jkun garantit il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.			
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ittestjar ġenetiku użat għal skopijiet ta' stil ta' ħajja u ta' benessri Fir-rigward tat-testijiet ġenetiċi maħsuba għal skopijiet ta' benessri jew ta' stil ta' ħajja, il-Kummissjoni tenfasizza li l-apparat mingħajr ebda skop mediku, inkluż dak li huma intenzjonati biex, direttament jew indirettament, iżomm jew itejjeb id-drawwiet sani, il-kwalità tal-ħajja u l-benessri tal-individwi, mhuwiex kopert mill-Artikolu 2 (Definizzjonijiet) tar-Regolament dwar apparat mediku dijanjostiku in vitro. Madankollu, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li twettaq monitoraġġ ta' kwistjonijiet speċifiċi ta' sikurezza li jistgħu jkunu marbuta mal-użu ta' dan l-apparat, abbażi tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-Istati Membri			

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-6 ta' April 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/666 tas-6 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 94, 7.4.2017, p. 42–44	6058/17
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/658 tas-6 ta' April 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 94, 7.4.2017, p. 3–8	6059/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/667 tas-6 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ĠU L 94, 7.4.2017, p. 45–46	7518/17
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/719 tas-7 ta' April 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/2192 dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perijodu ta' erba' snin ĠU L 106, 22.4.2017, p. 8–9	7484/17

Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-11 ta' April 2017			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/689 tal-11 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ĠU L 99, 12.4.2017, p. 21–25		7350/17 + COR 1	
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/685 tal-11 ta' April 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ĠU L 99, 12.4.2017, p. 10–15		7353/17 + COR 1	
It-3531 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret il-Lussemburgu fil-25 ta' April 2017			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi	62/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: CZ, LU, PL
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-armi tan-nar semiawtomatiċi l-aktar perikolużi u dwar il-kollezzjonisti			
Il-Kummissjoni Ewropea hija sodisfatta li l-koleġislaturi waslu għal qbil dwar id-direttiva riveduta dwar l-armi tan-nar. Dawn ir-regoli l-ġodda ser inaqqsu b'mod sostanzjali l-probabbiltà li armi perikolużi iżda miżmumin b'mod legali jaqgħu f'idejn nies kriminali u terroristi.			
Fl-istess ħin, il-Kummissjoni hija ddiżappuntata li xi partijiet tal-proposta oriġinali ma kisbux l-appoġġ tal-Parlament u tal-Kunsill - b'mod partikolari fejn kellu x'jaqsam mal-armi tan-nar semiawtomatiċi li fil-każ tagħhom il-Kummissjoni kienet ipproponiet livell aktar ambizzjuż, li kien jikkonsisti mill-projbizzjoni mingħajr eċċezzjoni tal-armi tan-nar semiawtomatiċi l-iżjed perikolużi, fosthom l-armi tan-nar semiawtomatiċi kollha tat-tipi AK47 u AR15. Il-Kummissjoni hija ddiżappuntata wkoll li d-daqs tal-magazzin ma ġiex limitat għal 10 tiri għal kull tip ta' arma tan-nar semiawtomatika.			
Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll l-importanza li r-regoli stretti tas-sigurtà jiġu implimentati kif suppost fil-każ tal-kollezzjonisti.			

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-diżattivazzjoni

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' standard ta' diżattivazzjoni li jaħdem tajjeb, li jgħin biex jittejbu l-livelli tas-sigurtà, u li jassigura lill-awtoritajiet li l-armi ddiżattivati jkunu diżattivati sewwa u b'mod effettiv.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser taċċellera l-ħidma tal-esperti nazzjonali dwar il-kriterji tad-diżattivazzjoni, fil-Kumitat stabbilit skont id-Direttiva 91/477/KEE, biex sal-aħħar ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni tkun tista', skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 91/477/KEE u suġġett għall-opinjoni pożittiva tal-esperti nazzjonali, tadotta Regolament ta' Implimentazzjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment. Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jappoġġaw kompletament l-aċċellerazzjoni ta' din il-ħidma.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Azzjoni effettiva u proporzjonata fil-livell tal-UE hija essenzjali bħala reazzjoni għat-theddidiet kumplessi għas-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna. L-attakki terroristiċi, inkluż dawk fi Franza u fil-Belġju, kixfu nuqqasijiet konsiderevoli fil-qafas regolatorju Ewropew dwar l-armi tan-nar.

Sabiex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet, ir-riforma tad-Direttiva 91/477/KEE tikkonċentra fuq għadd ta' oqsma: kontroll aħjar tat-traffikar tal-armi tan-nar, aktar traċċabbiltà u diżattivazzjoni aħjar tal-armi tan-nar, regoli aktar stretti għall-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar, projbizzjoni fuq l-użu ċivili tal-aktar armi tan-nar perikolużi u skambju ta' informazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.

Matul in-negozjati, il-Lussemburgu appoġġa b'mod attiv dawk l-aspetti kollha tal-proposta għal direttiva oriġinali u tenna l-impenn tiegħu li jżomm l-ambizzjoni tar-riforma fl-livell li kapaċi jirreaġixxi għat-theddidiet għas-sigurtà li għandha bħalissa l-Ewropa.

F'dak il-kuntest, il-projbizzjoni fuq l-aktar armi tan-nar semiawtomatiċi perikolużi abbażi ta' kriterji ta' speċifikazzjoni oġġettivi hija parti ewlenija mir-riforma: projbizzjoni stretta u armonizzata fuq dawk l-armi tan-nar li jkollhom impatt dirett fuq is-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej kollha.

Madankollu, it-test ta' kompromess li jirriżulta min-negozjati interistituzzjonali jdgħajef kwalunkwe tali projbizzjoni stretta u armonizzata billi jipprevedi eżenzjonijiet eċċessivament ġenerali għal ċerti kategoriji ta' nies (it-tiraturi fuq bersall), jiġifieri eżenzjonijiet għal perċentwali sinifikanti ta' dawk li jkunu fil-pussess ta' armi tan-nar u japplikaw biex jingħataw awtorizzazzjonijiet għalihom.

Minħabba li r-restrizzjonijiet fuq l-akkwist u l-pussess ta' tali armi tan-nar mhumix biżżejjed, il-Lussemburgu ma jistax jappoġġa t-test ta' kompromess li għandu jiġi formalment adottat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew u ser jivvota kontra t-test.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-fatt li bdiet il-ħidma fuq emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi bil-ħsieb li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri individwali jkunu jistgħu jirreaġixxu aħjar għat-theddidiet għas-sigurtà ta' bħalissa, u b'mod partikolari għat-terroriżmu. Ipparteċipajna fin-negozjati dwar il-proposta b'mod attiv u kostruttiv u ninsabu kuntenti li xi wħud mill-problemi ġew solvuti.

Madankollu, inqisu li ċerti elementi ewlenin tal-proposta mħumiex adatti fis-sustanza, legalment mħumiex ċari u, xi kultant, sproporzjonati b'mod evidenti. F'xi każijiet, id-Direttiva tiffavorixxi trattament diskriminatorju. B'mod partikolari, nesprimu d-diżappunt tagħna fir-rigward tal-projbizzjoni mhux ċara u mhux neċessarja ta' ċerti armi tan-nar semiawtomatiċi. Flimkien ma' klawżola ta' anterjorità maħsuba ħażin, dawn il-miżuri jistgħu saħansitra jkomplu jieħdu s-sitwazzjoni tas-sigurtà għall-aġar fil-perijodu medju u twil. Ma jistgħux jilhqqu l-għanijiet iddikjarati tad-Direttiva u mhux ser jilhqhom.

Nikkunsidraw il-perijodu ta' implimentazzjoni propost huwa qasir wisq, peress li ser ikun hemm bżonn li għadd kbir ta' liġijiet nazzjonali jiġu emendati b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-leġislatur nazzjonali ser ikollu jakkomoda l-atti ta' implimentazzjoni u delegati tal-Kummissjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali f'perijodu ta' żmien saħansitra iqsar.

Għal dawk ir-raġunijiet u oħrajn, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tapprova l-abbozz ta' Direttiva.

Pożizzjoni (UE) Nru 4/2017 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali Adottata mill-Kunsill fil-25 ta' April 2017 ĠU C 184, 9.6.2017, p. 1–13	6182/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: DE, IE, CY, HU, MT, PL Mhux qed jipparteċipaw: DK, UK
---	---------	------------------------	--

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Għalkemm ma għandha ebda oġġezzjoni dwar id-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva, il-Kummissjoni tqis li kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 325 TFUE u tirriżerva d-dritt li tagħti bidu għal proċedimenti legali dwar il-bażi legali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija ma tappoġġax il-kompromess imressaq għall-adozzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill tal-25 ta' April 2017. Aħna impenjati biex niproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u għalhekk ipparteċipajna b'mod attiv fin-negożjati, u appoġġajna wkoll it-test tal-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2013. Madankollu, minħabba li l-ambitu tad-Direttiva minn dak iż-żmien ġie estiż biex jinkludi wkoll il-frodi tal-VAT, l-Ungerija ma tistax tagħti l-approvazzjoni tagħha għal dan il-kompromess, għaliex nemmnu bil-qawwa li l-kwistjonijiet tat-taxxa għandhom jiġu indirizzati f'dossiers tat-taxxa, bil-bażi legali tajba u b'hekk, għandha tapplika wkoll ir-regola tal-unanimità.

Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1–21	6/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (Test b'relevanza taż-ŻEE.) ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1–21	4/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: BG, HU, PL

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-komitoloġija

Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, tat-28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), il-punt b) tas-subparagrafu 2 b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir biss f'każ ta' hteġġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-merkurju

Il-konvenzjoni ta' Minamata u r-Regolament il-ġdid dwar il-Merkurju huma kontribuzzjonijiet ewlenin għall-protezzjoni taċ-ċittadini mit-tniġġis mill-merkurju globalment u fl-UE.

Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tkun appoġġjata biex jiġi żgurat is-suċċess tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Partijiet kollha u jiġu msaħħa aktar id-dispożizzjonijiet tagħha.

Il-Kummissjoni Ewropea hija għaldaqstant impenjata li tappoġġa l-kooperazzjoni kontinwa, skont il-Konvenzjoni u soġġett għall-politiki, ir-regoli u l-proċeduri applikabbli tal-UE, fost l-oħrajn bil-ħidma fl-oqsma li ġejjin:

- Timla l-vojt li hemm bejn il-liġi tal-UE u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni permezz tal-klawżola ta' reviżjoni tal-lista ta' prodotti projbiti miżjudin bil-merkurju;
- Fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-finanzjament, il-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija, attivitajiet bħalma huwa t-titjib tat-traċċabbiltà tal-kummerċ u l-użu tal-merkurju, il-promozzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-estrazzjoni tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira mingħajr merkurju u tat-tikketti għad-deheb mingħajr merkurju, u ż-żieda tal-kapaċità ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart tal-merkurju.

Dikjarazzjoni mill-Belġju

Il-Belġju jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-ħżin permanenti tal-iskart tal-merkurju.

Ir-regolament il-ġdid jiddikjara (Artikolu 13) li l-iskart tal-merkurju (likwidu) għandu jiġi:

- Konvertit u solidifikat qabel ma jinħażen b'mod permanenti f'faċilitajiet fuq l-art;
- Konvertit qabel ma jinħażen b'mod permanenti f'faċilitajiet taħt l-art;

Il-Belġju huwa konvint li l-konverżjoni u s-solidifikazzjoni tal-iskart tal-merkurju huma tal-akbar importanza qabel il-ħżin permanenti f'faċilitajiet fuq u taħt l-art. Dan huwa fil-fatt l-uniku mod biex jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ambjent u l-prevenzjoni ta' ħsara għas-saħħa.

Il-Belġju jqis li l-linji gwida ta' Basel dwar il-Merkurju (UNEP/CHW.12/5/Add.8/Rev.1) għandhom jintużaw bħala l-bażi teknika biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell Ewropew u dak globali.

Il-Belġju jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tniedi valutazzjoni dettaljata ta' dawn id-dispożizzjonijiet minn konsorzji indipendenti ta' esperti kwalifikati fl-inġinerija, fit-teknoloġiji ta' miżblijiet ta' skart, fis-sustanzi kimiċi u fix-xjenzi ġeoloġiċi. It-termini ta' referenza għal din il-valutazzjoni, li għandhom iqisu l-linji gwida ta' Basel u standards internazzjonali rilevanti oħrajn, għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien lill-'kumitat tekniku dwar l-iskart' (Kumitat għall-Adattament għall-Progress Xjentifiku u Tekniku u l-Implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Iskart).

Deċiżjoni (UE) 2017/899 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-użu tal-banda ta' frekwenzi 470-790 MHz fl-Unjoni ĠU L 138, 25.5.2017, p. 131–137	5/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/920 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa Test b'rilevanza għaż-ŻEE. ĠU L 147, 9.6.2017, p. 1–8	7/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: EL, ES, HR, CY
Dikjarazzjoni mill-Kroazja, Ċipru, il-Greċja u Spanja Wara l-eżitu tat-tielet trilogu tal-31 ta' Jannar, kif irrappurtat mill-Presidenza Maltija waqt il-laqgħa tal-COREPER I tal-1 ta' Frar u l-finalizzazzjoni tat-test ta' kompromess fil-laqgħa tal-COREPER I tat-8 ta' Frar, inħossu li għandna nikkummentaw rigward għadd ta' kwistjonijiet li jdgħajfu l-ġustizzja ġenerali tal-ftehim. Qabelxejn, nixtiequ nesprimu d-diżappunt kbir tagħna, peress li t-test finali huwa wisq 'il bogħod mill-Approċċ Ġenerali u l-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni Ewropea u l-proposta għall-implimentazzjoni sostenibbli ta' Roam-Like-At-Home (RLAH). Minkejja li naqblu bis-sħiħ mal-kunċett ta' RLAH u nappoġġaw ferm l-abolizzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-imnut għall-konsumaturi, kif previst mir-Regolament (UE) 531/2012, inħossu li t-test finali ma jipprevjenix b'mod effikaċi li jiġġarrab telf irrekuperabbli għall-fornituri tas-servizzi tar-roaming regolati, speċjalment meta dawn il-fornituri jkollhom żbilanċi sinifikanti bejn il-volumi tar-roaming dehlun u dawk ħerġin. L-għan politiku tal-abolizzjoni tat-tariffi tar-roaming sa Ġunju 2017 seta' ntlaħaq permezz ta' approċċ sostenibbli u ġust għall-Istati Membri kollha, inkluż dawk l-Istati Membri li għandhom elementi partikolari bħal staġjonalità kbira, tqassim ġeografiku tal-infrastruttura tan-netwerk u żbilanċi għoli fit-traffiku tar-roaming. L-irkupru tal-ispejjeż kollha mġarrba bl-adozzjoni ta' RLAH għall-fornituri tat-telefonija mobbli u l-preservazzjoni tal-inċentivi għal investiment fis-swieq miżjura, kienu preżunzjonijiet fundamentali għas-sostenibbiltà tal-ekosistema Ewropea tat-telefonija mobbli u l-evitar tad-distorsjonijiet. Minkejja dawn il-preżunzjonijiet, b'mod partikolari, il-valuri maqbula tal-perkors tat-tnaqqis gradwali għal-limiti massimi tad-data tar-roaming bl-ingrossa ma jistgħux jiżguraw l-irkupru ta' dawn l-ispejjeż, u b'mod inevitabbli ser joħolqu distorsjonijiet fis-swieq miżjura u jdgħajfu l-investimenti f'dan is-settur kummerċjali kritiku.			

B'dawn il-kondizzjonijiet, l-abolizzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-imnut ser tinkludi sfida ewlenija għat-telefonija mobbli mal-UE kollha, li l-piż tagħha kellu jitqassam b'mod ġust mal-Istati Membri kollha. Min-naħa l-oħra, il-kompromess finali jqiegħed haġna mill-piż fuq għadd żgħir ta' pajjiżi li għandhom l-elementi partikolari msemmija hawn fuq, u johlqo ċertu ir-riskju li, fil-livell nazzjonali, jiżiedu l-prezzijiet domestiċi, minħabba l-hekk imsejjaħ "effett waterbed". Din id-distorsjoni ser tohlqo sussidju trasversali fejn il-konsumaturi domestiċi fil-pajjiżi affettwati, ser jispiċċaw jissussidjaw lir-roamers internazzjonali.

Barra minn hekk, hija ħasra li l-mekkaniżmu ta' sostenibbiltà propost, li jkun invokat biss f'każijiet estremi u ġustifikati bis-sħiħ, u jkun jista' jipprovdli l-unika soluzzjoni għal sitwazzjoni potenzjalment diżastruża ta' distorsjoni kbira, mhux parti mill-ftehim. It-tneħħija ta' din id-dispożizzjoni, effettivament tneħħi l-mezzi għal riżoluzzjoni rapida u oġġettivament ġusta tal-kwistjonijiet marbuta mal-irkupru tal-ispejjeż tar-roaming, tkompli turi l-iżbilanċ tal-ftehim li ntlaħaq u tohlqo diskriminazzjoni potenzjali bejn l-operaturi bl-imnut li jibbenefikaw minn mekkaniżmu ta' sostenibbiltà, u l-operaturi bl-ingrossa li huma mċaħħda minn din is-salvagwardja.

Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, nappellaw lill-Kummissjoni biex a) issegwi mill-qrib l-iżviluppi marbuta ma' RLAH u r-riperkussjonijiet mal-UE kollha li jirriżultaw mill-abolizzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-imnut fis-swieq domestiċi, b) tkun lesta tiegħu azzjoni korrettiva saħansitra qabel ir-reviżjoni prevista fit-test maqbul, jekk ikun meħtieġ, u c) tqis fid-dettall l-impatt ta' RLAH fuq l-investimenti, meta tirrapporta dwar l-effetti ta' RLAH lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Finalment, minkejja ċ-ċirkostanzi negattivi, niddikjaraw għal darb'oħra l-impenn tagħna lejn RLAH għall-konsumaturi u lejn il-forniment kontinwu tas-servizzi ta' telefonija mobbli ta' kwalità għolja lill-utenti kollha.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/784 tal-25 ta' April 2017 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 206 u 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1401 ĠU L 118, 6.5.2017, p. 17–19	8078/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/790 tal-25 ta' April 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 119, 9.5.2017, p. 16–21	7099/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/783 tal-25 ta' April 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (It-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija) ĠU L 118, 6.5.2017, p. 6–16	7108/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar assistenza mill-UE lill-Ukrajna	8491/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730 tal-25 ta' April 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ĠU L 108, 26.4.2017, p. 1–2	13037/16
Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea ĠU L 108, 26.4.2017, p. 3–6	13038/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/734 tal-25 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma ĠU L 108, 26.4.2017, p. 35–35	7385/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/770 tal-25 ta' April 2017 dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi, fir-rigward tal-aspetti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ĠU L 115, 4.5.2017, p. 18–21	14112/15
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-Ġermanja fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	8465/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Greċja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	8594/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31–34	5649/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 36/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013"	7802/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/758 tal-25 ta' April 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emendar tal-Annessi A, B u C ĠU L 113, 29.4.2017, p. 45–47	7822/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-12-il Sessjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF 12)	8361/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/769 tal-25 ta' April 2017 dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali fuq ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu Kkawżat mill-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Noċivi u Potenzjalment Perikolużi, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ĠU L 115, 4.5.2017, p. 15–17	13806/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/798 tal-25 ta' April 2017 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Gvern tal-Ġappun għal ftehim dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun ĠU L 120, 11.5.2017, p. 19–19	15797/16
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/762 tal-25 ta' April 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 479/2013 dwar eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kuridur Neum ĠU L 114, 3.5.2017, p. 1–2	7155/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn Politika ta' Koeżjoni iktar effettiva, rilevanti u viżibbli għaċ-ċittadini tagħna"	8463/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Makroreġjonali tal-UE	7875/17
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' April 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn ir-Renju tad-Danimarka u l-Europol	7281/1/17 REV 1